

Brussell, 16 ta' Jannar 2020
(OR. en)

5316/20

CDR 5

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 14987/1/19 REV 1	
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 - Adozzjoni

1. Il-mandat tal-Kumitat tar-Regġuni ser jagħlaq fil-25 ta' Jannar 2020. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.
2. Skont din id-dispożizzjoni, il-Gvernijiet tal-Istati Membri bagħtu lis-Segretarjat Ġenerali proposti għal kandidati għall-ħatra bħala membri u membri supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni għall-perijodu 2020-2025.
3. Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157¹ li taħtar il-membri u l-membri supplenti proposti mill-Gvernijiet tar-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Iżvezja, tliet membri proposti mill-Gvern tal-Belġju, 21 membru u 20 membru supplenti

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2157 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2015, p. 78)

proposti mill-Gvern tal-Ġermanja, 16-il membru u 16-il membru supplenti proposti mill-Gvern ta' Spanja, tmien membri u tmien membri supplenti proposti mill-Gvern tal-Irlanda, għaxar membri u 14-il membru supplenti proposti mill-Gvern tal-Italja, erba' membri u erba' membri supplenti proposti mill-Gvern ta' Malta u tmien membri u tmien membri supplenti proposti mill-Gvern tal-Finlandja għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

4. Issa hemm il-ħsieb li jinħatru l-membri u l-membri supplenti proposti mill-Gvernijiet tal-Greċja, Franza, il-Kroazja, il-Litwanja, l-Ungerija u l-Portugall, kif ukoll erba' membri u erba' membri supplenti proposti mill-Gvern tal-Belġju, membru wieħed propost mill-Gvern tal-Bulgarija, membru wieħed u membru supplenti wieħed proposti mill-Gvern tal-Irlanda, membru wieħed u membru supplenti wieħed proposti mill-Gvern ta' Spanja, 14-il membru u 10 membri supplenti proposti mill-Gvern tal-Italja u 21 membru u 20 membru supplenti proposti mill-Gvern tal-Polonja.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-15 ta' Jannar 2020 issuġġerixxa li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 14986/19, kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tar-Renju Unit.
6. Dik id-Deċiżjoni ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE.
7. Din il-ħatra ser tiġi segwita f'data aktar tard bil-ħatra tal-membri u l-membri supplenti l-oħrajn, li n-nomini tagħhom għadhom ma ġewx ikkomunikati lill-Kunsill mill-Istati Membri.